MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1135/2003

Citazzjoni Nru. 1135 / 03NC

Kawza fil-lista: 29

**Sebastiano u Rita konjugi Guccione**
**Vs**
**Carmelo u Maria Lourdes konjugi Dandolo, u b' digriet tal-Qorti ta' l-10 ta' Marzu 2004 gew nominati l-Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Carmelo Dandolo**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur jippremetta u talab hekk:

Peress illi l-konvenuti huma debitrici ta’ l-atturi fis-somma ta’ sitt elef, tlitt mija u seba’ u disghin liri Maltin (Lm6,397) rappresentanti din is-somma in parti ta’ appalt rez lill-konvenuti u in parti self.

Peress illi l-konvenuti, ghalkemm debitament interpellati sabiex ihallsu din is-somma, baqghu inadempjenti.

Peress illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut.

Peress illi l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u ghalhekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta’ l-artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ sitt elef, tlitt mija u seba’ u disghin liri Maltin (Lm6,397).

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ ittra ufficjali datata 18 ta’ Lulju 2003 u bl-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Maria Lourdes Dandolo li biha eccepiet:

1. Illi l-kreditu pretiz mill-attur la hu cert, likwidu u dovut u dana primarjament minhabba li kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, kwalunkwe flus li l-attur seta’ - u fil-fatt kien qieghed – javvanza lill-zewgha l-konvenut l-iehor, kienu intizi sabiex jigu uzati ghal kawzi illeciti.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u subordinatament kull dejn li seta’ ghamel zewg l-eccipjenti, sar mhux bil-kunsens tal-eccipjenti u sar ad insaputa u zgur mhux ghal kommunjoni tal-akkwisti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u subordinatament, l-atti maghmula mill-konvenut l-iehor

kienu atti extraordinarji u la saru minghajr il-kunsens tal-mara m'ghandhomx jolqtu lill-mara jew lill-sehemha mill-kommunjoni ta' l-akkwisti. (Art.1322 tal-Kodici Civili).

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u subordinatament, l-eccipjenti tecepixxi li jista' jirrizulta li hemm ammont ta' flus zghir misluf mill-attur lill-konvenut ghall-appalt u dan jista' jixhed fuqu zewgha izda pero' zgur mhux l-ammont li qed jippretendi l-attur u ghalhekk anki dan l-ammont minuri li talvolta jista' jkun dovut mill-konvenut l-iehor, mhux cert, u likwidu.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u subordinatament, l-eccipjenti, ghal kull buon fini taghmilha cara illi qed tikkawtela d-drittijiet taghha fil-konfront ta' zewgha, b'separazzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati rapprezentanti l-assenti Carmelo Dandolo li biha eccepew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm6,397 dovuta in parte bhala prezz ta' appalt, u in parte flus mislufa minnu lill-konvenuti sabiex hu u martu jkunu jistghu jirrendu d-dar taghhom abitabbli.

Il-konvenuta minn naha taghha laqghet ghal din il-pretensjoni attrici b' diversi eccezzjonijiet li ser jigu trattati seriatim infra; filwaqt li l-konvenut minn naha tieghu ma pprezenta ebda eccezzjoni sostanzjali.

Illi f’ din il-kawza xehedu biss l-attur u l-konvenuta, u t-tnejn ipprezentaw affidavit b’ dokumenti annessi. Il-konvenut Dandolo ma xehedx u lanqas prezenta affidavit.

Illi mill-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fiz-zmien is-sena 1999 circa, l-konvenut Carmelo Dandolo kien impjegat bhala xufier u lavrant ma’ l-attur li jezercita n-negozju that isem il-kumpanija International Plastering Ltd. Jidher li eventwalment dawn saru hbieb hafna, inkluz in-nisa taghhom.

Illi ghal habta ta’ dik is-sena l-konjugi Dandolo kienu xtraw dar f’ shell form u dawn bdew jaghmlu x-xogholijiet fiha sabiex jirrenduha abitabbli. L-attur kien ghen lill-konvenuti billi kien inkariga haddiema u anki sellifhom diversi somom ta’ flus ghal dan il-ghan.

Sussegwentement ghal habta ta’ Jannar 2003 gie skopert li l-konvenut kien qed jabbuza bid-droga bil-konsum, bir-rizultat li l-attur keccieh mill-impieg tieghu, u eventwalment il-konvenuta keccietu mid-dar matrimonjali. Rizultat ta’ dan, il-konvenut mar lura l-Italja ghand il-familja tieghu; u l-attur baqa’ ma thallax dak dovut lilu.

Illi l-punt kardinali in kontestazzjoni jimpernja dwar il-quantum ta’ l-ammont globali attwalment misluf mill-attur lill-konvenuti sabiex dawn jirrangaw id-dar konjugali taghhom; ghax, filwaqt li l-attur isostni li dan jammonta komplessivament ghas-somma ta’ Lm6,397, il-konvenuta ssostni li l-ammonti mislufa jammontaw ghal ferm anqas minnhekk; u inoltre, ghar-rigward tal-kumplament tal-ammont pretiz hija ssostni li din il-parti tad-dejn sar ad insaputa taghha.

Illi l-attur fl-affidavit tieghu indika u spejga b’ mod dettaljat l-ammonti minnu mislufa u r-raguni tas-self. Huwa pprezenta skrittura li fuqha hemm il-firma tal-konvenut u li tirrapprezenta breakdown tal-ammont minnu pretiz. Il-Qorti tirrileva li fix-xhieda tieghu l-attur kien kategoriku kif ukoll enfatiku dwar il-veracita’ tal-pretensjoni tieghu.

Illi l-konvenuta minn naha taghha indikat l-ammonti ta’ Lm900 u Lm200 li skond hi kienu mislufa u li huma dovuti lill-attur, izda ma kienitx fil-posizzjoni li taghti figura preciza ta’ l-ammont shih, stante li ma kienitx taf kemm kienu thallsu flus lill-mastrudaxxa. Hija prezentat diversi kopji ta’ cheques li juru pagamenti li saru mill-kont bankarju taghha, u affermat li “li naf fic-cert huwa li jiena hallast kull ma hemm go dari …… u li dwar spejjes ohra li Guccione sellef lir-ragel jiena ma nafx bihom.”[1]

Il-konvenuta spjegat ukoll li kien ser jigi ffirmat kuntratt ta’ separazzjoni personali bejniethom u li fih il-konvenut wahdu kien qed jassumi d-dejn kollu li kien hemm. Fil-kontro ezami, il-konvenuta qalet li matul iz-zmien li huma kienu qed jirrangaw id-dar konjugali hija ma kienitx tahdem, u mistoqsija minn fejn kienu jgibu l-flus biex ihallsu tax-xogholijiet hija rrispondiet “Milli kien igib hu [il-konvenut zewgha] ghax darba ukoll [qallha] li kien rebah il-casino u tahomli; minn dawn hallast …. tani Lm4,000.”[2] Dan kien ftit taz-zmien qabel ma kienu xtraw id-dar.

Illi din il-Qorti wara ezami akkurat tal-atti tal-kawza u wara li semghet ix-xhieda taz-zewg partijiet hija propensa li taghti affidament ghall-versjoni moghtija mill-attur bahal dik veritiera, u tiskarta dik tal-konvenuta kemm rigward l-ammont misluf kif ukoll dwar l-allegazzjoni taghha li hija kienet inkonsapevoli tal-ammonti ta’ flus li l-attur kien jsellef lill-konventi biex jirrangaw d-dar konjugali.

Illi in propositu ghall-eccezzjonijiet[3] maghmula mill-konvenuta, l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijit:

[1] Rigward l-eccezzjoni taghha bazata fuq l-allegazzjoni li l-attur kien javvanza flus lill-konvenut “intizi sabiex jigu uzati ghal kawzi illeciti”, il-Qorti tosserva li din hi allegazzjoni gratuwita minghajr ebda sostenn fil-provi, anzi l-provi juru l-kuntrarju, u cioe’ li l-attur kien silef flus lill-konvenuti biex jirrangaw d-dar konjugali taghhom, u dan stante li dawna bi zmien kienu saru hbieb kbar;

---

[1] Fol.48
[2] Fol.72
[3] Fol.32

[2] Rigward l-eccezzjoni taghha li “kull dejn li seta’ ghamel [il-konvenut] sar mhux bil-kunsens [taghha] u sar ad insaputa taghha u zgur mhux [sic] ghal kommunjoni ta’ l-akkwisti, il-Qorti tosserva li din l-allegazzjoni hija inverosimili fic-cirkostanzi tal-kaz, kemm ghax fil-fatt hi kienet konxja tal-fatt li l-attur kien qed isellifhom il-flus, kif ukoll ghax fil-fehma tal-Qorti l-versjoni taghha mhix kredibbli. Din il-konsiderazzjoni tapplika ukoll fil-konfront tat-tielet eccezzjoni li hija relatata mat-tieni wahda;

[3] Illi r-raba eccezzjoni tirrizulta nfondata in vista tal-konsiderazzjonijiet premessi, kemm ghax l-ammont misluf mill-attur mhux “ammont ta’ flus zghir” kif issostni l-konvenuta, kif ukoll ghax l-ammont pretiz mill-attur huwa indikat b’ mod defenittiv mill-attur u spjegat dettaljatament kemm fl-affidavit tieghu kif ukoll fl-anness prospett;

[4] Illi in fine jigi rilevat li, ghalkemm fid-deposizzjoni taghha tal-24 ta’ Gunju 2005 il-konvenuta sostniet li, fil-kuntratt ta’ separazzjoni li kien mistenni jigi ffirmat, il-konvenut assuma d-dejn kolllu hu, ma giet esebita ebda prova f’ dan is-sens. Sad-data ta’ din is-sentenza ma gie esebit ebda dokument f’ dan is-sens.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ta’ l-attur hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha fil-konfront taz-zewg konvenuti.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta’ sitt elef, tlett mija u seba u disghin lira maltin [Lm6,397] bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ l-ittra ufficjali[4] [25 ta’ Lulju 2003].

L-ispejjez kollha a kariku tal-konvenuti.

[4] Fol.44 *tergo*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------